# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum,l-Erbgħa 4 ta' Ġunju, 2025

**Kawża Nru. 5**

**Rik. Nru. 112/2024 ISB**

**Sequessome Technology Holdings Limited (C 48458)**

**Vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors** tas-soċjeta' **Sequessome Technology Holdings Limited,** tad-19 ta' Diċembru 2024, li permezz tiegħu hija talbet lill-Qorti sabiex:

*(i) Tordna illi s-soċjetà Sequessome Technology Holdings Limited (C48458) tiġi stralċjata minn din l-Onorabbli Qorti abbazi tal-Art. 214(1) (a) tal-Att;*

*(ii) Taħtar stralċjarju sabiex jieħu f'idejh l-istralċ tas-soċjetà rikorrenti skont il-liġi; u*

*(iii) Tagħti kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*

U dan wara li ppermettiet:

1. *Illi dan ir-rikors qed jiġi ppreżentat ai termini ta' l-Artikolu 218(1)(a) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta) (l-"**Att**") permezz ta' liema qiegħed jintalab l-istralċ bil-qorti tas-soċjetà rikorrenti skont l-Artikolu 214(1)(a) tal-Att, konsegwenti għal riżoluzzjoni straordinarja tal-istess soċjetà, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bħala **Dok. STH1**;*

2. *Illi s-soċjetà rikorrenti hija soċjetà b'responsabbiltà limitata li ġiet imwaqqfa f'Malta fis-16 ta' Diċembru, 2009. Kopja tal-istatut u taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tar-rikorrenti hawn annessi u mmarkati bħala **Dok. STH2** u **Dok. STH3** rispettivament;*

3. *Illi l-kapital azzjonarju attwali awtorizzat tas-soċjeta rikorrenti huwa ta' wieħed u erbgħin elf u mitejn ewro (€41,200.00), liema kapital huwa maqsum f' erba' mijuni mija u għoxrin elf (4,120,000) sehem ordinarju ta' valur nominali ta' ċenteżmu tal-ewro (€0.010000) kull sehem. Illi l-kapital azzjonarju tas-soċjeta' rikorrenti ġie sottoskritt da parti tal-azzjonisti tagħha hekk kif jirriżulta minn estratt ta' l-Involved Parties tas-soċjeta' rikorrenti mniżżel minn fuq is-sit elettroniku tar-Reġistru tal-Kumpanniji (kopja hawn annessa u mmarkata bħala "'**Dok. STH4**");*

4. *Illi s-soċjeta' rikorrenti tifforma parti minn struttura korporattiva internazzjonali li tinkorpora numru ta' kumpaniji reġistrati ġewwa r-Renju Unit, l-Olanda, d-Dutch Antilles, l-Israel u kif ukoll seba' kumpaniji reġistrati ġewwa Malta (fosthom is-soċjeta' rikorrenti). Il-kumpaniji kollha fi ħdan din l-istruttura, msejħa l-Ascension Group, huma sussidarji diretti jew indiretti ta' Ascension Healthcare plc ('**AHP**'),*

*kumpannija reġistrata ġewwa r-Renju Unit (li biddlet isimha minn Pro Bono Bio Plc), li hija l-holding company aħħarija fl-istess struttura, liema struttura topera fis-settur tal-farmaċewtika u dak tal-apparat mediku bħala l-attivita' ewlenija tagħha;*

5. *Illi l-kumpaniji Maltin fi ħdan din l-istruttura huma s-segwenti:*

   (i) *PBB (Malta) Ltd bin-numru ta' reġistrazzjoni C62504 ('**PBB Malta**');*

   (ii) *Leverton Licence Holdings Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C48342 ('**Leverton**');*

   (iii) *Sequessome Technology Holdings Ltd bin-numru ta' reġistrazzjoni C48458 ('**Sequessome**');*

   (iv) *Pro Bono Bio International Trading Ltd bin-numru ta' reġistrazzjoni C54787 ('**Pro Bono Bio**');*

   (v) *Cantab Biopharmaceuticals Patents Ltd bin-numru ta' reġistrazzjoni C57672 ('**Cantab**');*

   (vi) *PBB Distributions Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C75891 ('**PBB Distributions**'); u*

   (vii) *Novacta Holdings PLC bin-numru ta' reġistrazzjoni C47135 ('**Novacta**');*

   *Kopja tal-istruttura tal-grupp hawn annessa u mmarkata bhala "**Dok. STH5**");*

6. *Illi PBB Malta u Leverton huma sussidjarji diretti u proprjeta' fit-totalita' tagħhom ta' AHP. Kemm PBB Malta u Leverton ġew inkorporati wkoll sabiex iservu bħala holding companies hekk kif ser jidher fil-paragrafi li jmiss. PBB Malta hija holding company ta' numru ta' kumpaniji, kemm Maltin kif ukoll esteri, fi ħdan l-Ascension Group, filwaqt li Leverton hija holding company ta' kumpanija waħda Maltija;*

7. *Illi Sequessome hija sussidjarja diretta u proprjeta' fit-totalita' tagħha ta' Leverton;*

8. *Illi PBB Distributions u Cantab huma sussidjarji diretti u proprjeta' fit-totalita' tagħhom ta' PBB Malta;*

9. *Illi Novacta hija wkoll sussidjarja diretta ta' PBB Malta iżda in kwantu għal ħamsa u erbgħin fil-mija (54%) tal-ishma tagħha;*

10. *Illi Pro Bono Bio hija sussidjarja ta' kumpaniji oħra Ingliżi fi ħdan l-istess grupp;*

11. *Illi l-akbar azzjonisti ta' AHP, u konsegwentement b'mod indirett ta' PBB Malta, huma ż-żewġ soċjetajiet Fonds Rusnano Capital S.A. u RN Consulting S.A. li huma reġistrati fil-Lussemburgu bin-numri ta' reġisrazzjoni B155461 u B155460, rispettivament, u l-istess żewġ soċjetajiet huma wkoll azzjonisti diretti ta' PBB Malta;*

12. *Illi ż-żewġ soċjetajiet surreferiti li huma reġistrati taħt il-liġijiet tal-Lussemburgu huma sussidjarji diretti jew indiretti tal-entità imsemmija JSC Rusnano li hija reġistrata fir-Russja u li għandha l-istat Russu bħala l-uniku azzjonist tagħha;*

13. *Illi fil-25 ta' Ġunju 2015, AHP (dak iż-żmien kien għadha jisimha Pro Bono Bio Plc) daħlet fi ftehim ta' self, u ċioe Financing Agreement, ma' Knights Theraputics Inc. fejn din tal-aħħar selfet l-ammont ta' ħmistax-il miljun dollaru Amerikan ($15,000,000) lil AHP;*

14. *Illi fl-istess ġurnata l-istess partijiet daħlu f'security agreement fejn l-ishma ordinarji kollha ta' AHP f'PBB Malta u f'Leverton ingħataw b'rahan favur Knights Theraputics Inc biex iservu bħala sigurta' għas-self imsemmi;*

15. *Illi fis-27 ta' Marzu 2017, Knights Theraputics Inc. biegħet l-interess tagħha fil-ftehim ta' self lil fuq imsemmija soċjeta' Fonds Rusnano Capital S.A. permezz ta' Assignment and Amendment Agreement;*

16. *Illi fl-istess waqt, is-sigurta' fuq l-ishma li AHP għandha fil-kumpaniji PBB Malta u Leverton ġew assenjati lil Fonds Rusnano Capital S.A. bħala parti mill-Assignment and Amendment Agreement. Konsegwentement, ir-rahanijiet rispettivi imsemmija ġew irreġistrati mar-Reġistru tal-Kumpaniji favur Fonds Rusnano Capital S.A.;*

17. *Illi AHP wkoll daħlet f'diversi security agreements a favur ta' Fonds Rusnano Capital S.A. hekk kif se jiġi spjegat fil-paragrafu sussegwenti;*

18. *Illi apparti dan, wħud mill-kumpaniji Maltin (u ċioe PBB Malta, Leverton, Sequessome, Pro Bono Bio u Cantab) iservu wkoll bħala garanti in solidum ma' AHP għall-interessi ta' Fonds Rusnano Capital S.A., billi AHP u tali kumpaniji Maltin daħlu*

*f'security agreements għal dak il-għan ma' Fonds Rusnano Capital S.A li bihom inter alia ġew ikkonfermati l-interessi ta' garanzija fuq l-assi tal-kumpaniji Maltin, u kif ukoll billi l-kumpaniji Maltin jew uħud minnhom taw ukoll sigurta' favur Fonds Rusnano Capital S.A. fuq ċertu pretensjonijiet, proprjeta' intellettwali u ċertu kontijiet bankarji tagħhom;*

19. *Illi l-ammont kurrenti tas-self lil AHP mill-Fonds Rusnano Capital S.A. sal-31 ta' Lulju 2024 huwa ta' disgħa u erbgħin miljun tlett mija u sebat elef u ħames mija ħamsa u disgħin lira sterlina (£49,307,595);*

20. *Illi inoltri parti mill-assi ewlenin tal-Ascension Group jikkonsistu fi privattivi dwar prodotti għall-kura tal-Emofilja A li lestew il-Provi Kliniċi tal-Fażi 2 u lesti biex jibdew il-Provi Kliniċi tal-Fażi 3, liema privattivi huma proprjeta' ta' Cantab, u privattivi dwar serje ta' prodotti kummerċjalizzati li jinkludu prodotti għat-trattament ta' uġiegħ fil-ġogi u s-saħħa tagħhom u osteoartrite, liema privattivi huma proprjeta' ta' Sequessome;*

21. *Illi s-soċjetajiet Maltin kollha kienu jiddependu b'mod sinjifikanti fuq is-sostenn finanzjarju ta' AHP li kienet wkoll tipprovdi sostenn fl-operat tagħhom, li mingħajru ebda waħda mill-kumpaniji Maltin ma tkun tista' topera finanzjarjament;*

22. *Illi minħabba l-involviment ta' soċjetajiet marbutin mal-istat Russu, u allura l-gvern Russu, l-Ascension Group sa mis-sena 2022, beda jesperjenza problemi operattivi u finanzjarji serji li kienu riżultat dirett tal-limitazzjoniet introdotti mil-leġislazzjoni dwar sanzjonijiet imposti mir- Renju Unit, fost l-oħrajn, kontra r-Russja wara l-invażjoni tal-istat Russu fuq l-istat tal-Ukrajna u l-effett ta' ċerti klijenti u fornituri li jirrifjutaw li jagħmlu negozju mal-Grupp Ascension;*

23. *Illi, f'dan il-kuntest, il-fatt li AHP hija fil- maġġjoranza tagħha proprjeta' Russa ħoloq ostakli sinifikanti lill-Ascension Group. Dawn affetwaw b'mod avvers il-finanzi u l-operat kummerċjali tal-Ascension Group;*

24. *Illi fost l-oħrajn, l-awdituri tas-soċjetajiet fi ħdan l-Ascension Group inkluż dawk Maltin, irreżenjaw mill-inkarigu tagħhom fl-2022 u sal-ġurnata tal-illum, minkejja ħafna sforzi, ma nstab l-ebda awditur ieħor li kien lest jieħu l-inkarigu vakanti. Ascension Group tilef klijenti u ma setax jiftaħ kont bankarju*

*ma' bank fir-Renju Unit u għadd ta' konsulenti professjonali fosthom accountants u avukati minn żmien għal żmien irrifjutaw li jaġixxu;*

25. *Illi filwaqt li l-ebda membru tal-Ascension Group u lanqas il-gvern Russu mhu entità sanzjonata, il-leġiżlazzjoni dwar sanzjonijiet fir-Renju Unit affettwaw b'mod avvers lil dawk il-kumpaniji, bħall-Ascension Group, li l-maġġoranza tal-ishma tagħhom fl-aħħar mill-aħħar hija miżmuma minn entità Russa;*

26. *Illi b'rizultat tal-fuq imsemmija leġislazzjoni tar-Renju Unit dwar sanzjonijiet, AHP ma setgħetx tiġbor fondi, kemm jekk tramite dejn jew equity, minħabba li hija pprojbita taħt tali leġiżlazzjoni tar-Renju Unit, peress li tinsab mingħajr liċenzja mill-istess gvern, minħabba l-proprjetarju Russu, u għalhekk l-Ascension Groupsa minn Frar tal-2022, saret tiddependi għal kollox fuq il-fondi tagħha stess mid-dħul tal-kummerċ tal-osteoartrite għall-operat kontinwu u l-eżistenza tagħha;*

27. *Illi, fil-qosor Ascension Group daħal f'sitwazzjoni ta' instabbilita' finanzjarja sa minn Frar tal-2022 u iffaċċja diffikultajiet operattivi u finanzjarji sinifikanti, u minkejja t-tentattivi ta' AHP sabiex twettaq kambjamenti sabiex jitneħħa l-proprjetarju Russu, inkluż li jinstab terz illi kien lest jakkwista l-interessi kollha f'Ascension Group li fl-aħħar mill-aħħar jappartjenu lil Gvern Russu, dawn it-tentattivi fallew peress li kienu jirrekjedu l-qbil ta' Fonds Rusnano Capital S.A., liema qbil ma rriżultax;*

28. *Illi, inoltri, minkejja varji tenttativi min-naħa ta' AHP sabiex tħajjar lil Fonds Rusnano Capital S.A. jieħdu posizzjoni formali fir-rigward tal-interessi tagħhom versu AHP sabiex jitneħħa l-proprjetarju Russu mill-Ascension Group u minkejja li AHP infurmat lil Fonds Rusnano Capital S.A. permezz ta' diversi komunikazzjonijiet bil-miktub tal-fatt li s-socjetajiet Ingliżi kellhom l-intenzjoni li jipproċedu bl-azzjonijiet elenkati fil-paragrafi numri 30 u 31, ma kien hemm l-ebda ftehim minn Fonds Rusnano Capital S.A. dwar it-tneħħija tal-proprjetarju Russu mill-Ascension Group u ma kien hemm l-ebda intervent jew tweġiba formali minn Fonds Rusnano Capital S.A. għal dawk il-komunikazzjoniijiet tal-azzjonijiet deskritti f'paragrafi 30 u 31;*

29. *Illi konsegwentement, ma kien baqa' l-ebda prospett raġonevoli li jiġi evitat l-amministrazzjoni jew l-istralċ ta' AHP u tal-kumpaniji kollha fi ħdan il-grupp inkluż dawk Maltin;*

30. *Illi (i) AHP u tlett sussidjari oħra ta' AHP fir-Renju Unit (is-socjetajiet Ingliżi) ippreżentat rikorsi quddiem il-qrati Ingliżi sabiex (a) jiġi appuntat amminstratur/i; u (b) taħt il-paragrafu 71, ta' Schedule B1 tal-Insolvency Act, 1986, l-istess amministraturi jingħata l-poteri sabiex jiddisponi mill-assi tas-soċjetajiet Ingliżi allavolja dawn huma suġġetti għal garanziji a favur tal-akbar kreditur tas-soċjetà AHP, u tas-soċjetajiet Maltin, cioe Fonds Rusnano Capital S.A.[1];*

31. *Illi fit-8 ta' Novembru 2024, hekk kif muri mill-anness dokument msemmi "**Dok. STH6"**, is-socjetajiet Ingliżi ġew impoġġija taħt ir-responsabbilta' ta' amministraturi inkarigati mill-qorti Ingliża sabiex dawn jieħdu ħsieb il-'prepack sale' tal-assi tal-istess soċjetajiet Ingliżi lill-parti identifikata aktar 'l quddiem f'paragrafu 35 u eventawlment imexxu bix-xoljiment u l-istralċ tas-soċjetajiet Ingliżi (kopja tan-notifika hekk kif ippreżentata mill-istess ammistraturi hawn annessa u mmarkata bħala "'**Dok. STH7**), b'tali assi tas-soċjetajiet Ingliżi li jinkludu (i) l-assi tagħhom ta' riċerka tal-prova klinika tal-emofilja ta' Fażi 2 u (ii) l-istokk, it-trademarks, il-kuntratti u d-debituri tagħhom fir-rigward tal-prodotti li jikkummercjalizzaw l-uġigħ tal-osteoartrite fil-ġogi;*

32. *Illi fl-4 ta' Diċembru 2024, il-qorti Ingliża laqgħet it-talba li saret taħt il-fuq imsemmi paragrafu 71, ta' Schedule B1;*

33. *Illi l-appuntament fit-8 ta' Novembru 2024 ta' amministraturi maħtura mill-qorti fil-każ ta' AHP, ikkostitwixxa event of default skond kif dan it-terminu huwa definit fil-fuq imsemmija Financing Agreement u Assignment and Amendment Agreement;*

34. *Illi b'konsegwenza ta' dan, in vista tal-fatt li AHP mhijiex f'pożizzjoni li tħallas id-djun tagħha u allura lanqas ma hija f'pożizzjoni li tħallas lura s-self imsemmi aktar qabel f'dan ir-rikors lil Fonds Rusnano Capital S.A., il-kumpaniji Maltin, li qed iservu ta' garanti għall-ħlas tal-imsemmi self minn AHP u li mhumiex fil-pożizzjoni li jħallsu lura tali self, sfaw ukoll*

[1] L-okkju tar-rikorsi relattivi quddiem il-qorti Ingliża huma dawn: CR-2024-006534; CR-2024-006535; CR-2024-006536; CR-2024-006537.

*f'pożizzjoni li ma jistgħux iħallsu d-djun tagħhom, biex b'hekk kellhom ixolju u konsegwentement għandhom jiġu stralċjati;*

35. *Illi xi wħud mill-azzjonisti l-oħra ta' AHP flimkien ma' xi wħud mill-ufficjali ta' AHP, ħadu l-inizzjattiva li jwaqqfu soċjeta' oħra Ingliża, u cioe AH Development Healthcare Limited (soċjeta inkorportata fir-Renju Unit bin-numru tar-reġistrazzjoni 15960056) sabiex takkwista l-assi tas-soċjetajiet Ingliżi inklużi dawk permessi li jiġu akkwistati wara d-deċiżjoni tal-qorti Ingliża li tawtorizza il-bejgħ tal-assi tal-AHP kif imsemmi aktar 'l fuq f'paragrafi 30 sa 32;*

36. *Illi fl-24 ta' Ottubru 2024, il-Bord tad-Diretturi ta' Cantab u Sequessome rispettivament approva abbozz ta' services agreement bejn l-istess Cantab u Sequessome, rispettivament, fir-rigward tal-privattivi proprjeta' tagħhom, u soċjeta' ġdida AH Development Healthcare Limited. L-iskop ta' dan il-ftehim huwa sabiex jiġi delegat lil AH Development Healthcare Limited s-sorveljanza, il-ġestjoni, il-ħlas, l-amministrazzjoni u l-manutenzjoni ta' tali privattivi, li huma irreġistrati f'uffiċċji internazzjonali tal-privattivi, li għandhom x'jaqsmu ma' u jikkonċernaw rispettivament l-assi tal-emofilja u l-osteoartrite li AH Development Healthcare Limited akkwistat permezz tal- prepack sale imsemmi fil-paragrafu 31 aktar 'il fuq, u dan sabiex ikunu preservati, għall-benefiċċju tal-kredituri, tali privattivi, għall-bjegħ u xiri futur tagħhom bil-għan li nelfrattemp jiġi evitat telf irriversibbli tal-privattivi minħabba nuqqas ta' tiġdid ma' uffiċju internazzjonali tal-prvattivi. L-interess ta' AH Development Healthcare Limited li jkun hekk preservat il-valur ta' tali assi għall-kredituri huwa li potenzjalment takkwista tali assi matul il-proċess formali tar-Riċevitur Uffiċjali;*

37. *Illi f'dan il-kuntest, l-ebda waħda mis-soċjetajiet Maltin inkluża s-soċjetà rikorrenti, ma jistgħu iħallsu d-djun tagħhom u m'hemm l-ebda prospett li s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom tinbidel;*

38. *Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi, l-bord tad-diretturi tas-soċjetà rikorrenti mhuwiex f'posizzjoni li jagħmel dikjarazzjoni ta' solvenza ai termini tas-sub-artiklu 268(1) tal-Att dwar il-Kumpanniji;*

39. *Illi, allura, il-bord tad-diretturi tas-soċjetà rikorrenti fil-laqgħa li kellu fl-24 ta' Ottubru 2024 irrakkomanda lill-azzjonisti tas-soċjetà sabiex jiġi riżolt illi l-kumpanija ixxolji u li konsegwentement tiġi stralċjata mill-Qorti ai termini tal-Art. 214(1)(a) tal-Att u li għandhom jippreżentaw rikors u jitolbu l-istralċ tagħhom ai termini tal-Art. 218(1)(a) tal-Att;*

40. *Illi għal dan il-għan, ġiet imsejħa laqgħa straordinarja tal-azzjonisti tas-soċjetà rikorrenti li saret fil-21 ta' Novembru 2024 fejn ġie riżolt illi l-kumpanija xxolji u li konsegwentement tiġi stralċjata mill-Qorti ai termini tal-Art. 214(1)(a) tal-Att u li għandhom jippreżentaw rikors u jitolbu l-istralċ tal-istess soċjetà rikorrenti ai termini tal-Art. 218(1)(a) tal-Att (vide Dok. STH1);*

41. *Illi fil-fatt, is-soċjetà rikorrenti permezz tal-preżenti rikors, qed tippreżenta it-talba għall-istralċ tagħha konsegwenti għar-riżoluzzjoni tax-xoljiment u stralċ tal-istess soċjetà rikorrenti ai termini tal-Art. 218(1)(a) tal-Att (vide Dok. STH1);*

42. *Illi s-soċjeta rikorrenti tat l-avviz speċifikat fl-Art 265(1) lir-Reġistratur tal-Kumpanniji kif mitlub mill-Art 214(6) tal-Att, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata* ***Dok. STH8****;*

43. *Illi l-ħtiġijiet tal-Art. 218(1) (a) ġew imħarsa kollha u għalhekk huwa sottomess illi l-Qorti tista' tilqa' dan ir-rikors ai termini tal- Art 219(2) tal-Att.*

Rat id-**dokumenti** li kienu ppreżentati mar-rikors (Dok STH1 sa Dok STH8) (fol 8 sa fol 70).

Rat id-**digriet** tagħha tas-27 ta' Diċembru 2024, minn fejn jirriżulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tas-17 ta' Frar 2025 fid-9:30 a.m.

Rat in-nota tas-soċjeta' rikorrenti tat-12 ta' Frar 2025 (fol 74) u li permezz tagħha nfurmat lill-Qorti li ma kellhiex affidavits u dokumenti ulterjuri xi tressaq.

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Frar 2025, bi qbil mad-difensur tas-soċjeta' rikorrenti il-kawża ġiet differita għall-udjenza ta' llum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inkluż mill-provi mressqa.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi dan huwa proċediment li ttieħed mis-soċjeta' rikorrenti ai termini tal-Artikoli **214(1)(a) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta**.

Illi jirriżulta ukoll li s-soċjeta' rikorrenti ġiet kostitwita bħala kumpanija ta' responsabilita` limitata fis-16 ta' Diċembru 2009 bin-numru uffiċjali C 48458.

Fir-rikors promotur tagħha, hija tispjega li hi tifforma parti minn struttura korporattiva internazzjonali li tinkorpora numru ta' kumpaniji reġistrati ġewwa r-Renju Unit, l-Olanda, d-*Dutch Antilles*, l-Isreal u seba' kumpaniji reġistrati ġewwa Malta, fosthom dik rikorrenti. Tgħid li l-kumpaniji kollha fi ħdan l-istess struttura msejjħa *Ascension Group* huma sussidjarji diretti jew indiretti ta' Ascension Healthcare plc, liema kumpanija hija reġistrata fir-Renju Unit u liema kumpanija hija l-*holding company* aħħarija fl-istess struttura li topera fis-settur tal-farmaċewtika u dak tal-apparat mediku.

Tispjega li l-kumpaniji reġistrati f'Malta fi ħdan il-Grupp huma s-segwenti:

(i) PBB (Malta) Ltd bin-numru ta' reġistrazzjoni C62504 ('**PBB Malta**');

(ii) Leverton Licence Holdings Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C48342 ('**Leverton**');

(iii) Sequessome Technology Holdings Ltd bin-numru ta' reġistrazzjoni C48458 ('**Sequessome**');

(iv) Pro Bono Bio International Trading Ltd bin-numru ta' reġistrazzjoni C54787 ('**Pro Bono Bio**');

(v) Cantab Biopharmaceuticals Patents Ltd bin-numru ta' reġistrazzjoni C57672 ('**Cantab**');

(vi) PBB Distributions Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C75891 ('**PBB Distributions**'); u

(vii) Novacta Holdings PLC bin-numru ta' reġistrazzjoni C47135 ('**Novacta**');

Tgħid li Sequessome hija sussidjarja diretta u propjeta' ta' Leverton.

Tispjega li l-akbar azzjonista ta' Ascension Healthcare plc huma ż-żewġ soċjetajiet Fonds Rusnano Capital S.A. u RN Consulting S.A. li huma reġistrati fil-Lussemburgu bin-numru ta' reġistrazzjoni B155461 u B

155460 respettivament, taħt il-liġijiet tal-Lussemburgu u huma sussidjarji diretti jew indiretti tal-entita imsemmija JSC Rusnano li hija reġistrata fir-Russja u għandha l-istat Russu bħala l-unika azzjonist tagħha.

Tgħid illi f'Ġunju 2015, Ascension Healthcase plc isselfet is-somma ta' ħmistax-il miljun Dollaru Amerikan (USD15,000,000) mingħand Knights Theraputics Inc fejn l-ishma kollha ta' PBB Malta u Leverton ġew mogħtija bħala sigurita għall-istess self. Sussegwentament, f'Marzu 2017, Knights Theraputics Inc biegħet l-interess tagħha fil-ftehim ta' self lis-soċjeta' Fonds Rusnano Capitali S.A. u għalhekk is-siguritajiet reġistrati għaddew għandha. Oltre' minn hekk, il-kumpaniji Maltin taw favur Fonds Rusnano Capital S.A. garanziji fuq ċertu pretensjonijiet, propjeta' intelletwali u kontijiet bankarji tagħhom. B'dan illi l-ammont kurrenti ta' self jammonta għal kważi ħamsin miljun Lira Sterlina (GBP 50,000,000).

Tispjega li s-soċjetajiet Maltin kollha kienu jiddependu b'mod sinifikanti fuq is-sostenn finanzjarju ta' Ascension Healthcare plc, li mingħajrha ma jkunux jistgħu joperaw.

Issotni li minħabba l-involviment tas-soċjetajiet kif marbutin mal-Istat Russu, l-Ascension Group, sa mis-sena 2022, beda jesperjenza problemi serji minħabba s-sanzjonijiet imposti fuq l-iStat Russu, liema problemi inkludew ostakli sinifikanti li wasslu biex affetwaw b'mod avvers il-finanzi u l-operat kummerċjali tal-istess grupp, liema diffikultajiet ġew elenkati fir-rikors promotur.

Tikkontendi li r-riżultat aħħari kien li ma kien baqa' ebda prospett raġonevoli li jiġi evitat l-amministrazzjoni jew l-istralċ ta' Ascension Healthcare plc u tal-kumpaniji kollha fi ħdan il-grupp.

Tispjega li għalhekk Ascension Healthcase plc flimkien ma' tliet (3) sussidjarji tagħha fir-Renju Unit, fuq talba magħmulha minnhom, tpoġġew taħt amministratur sa mit-8 ta' Novembru 2024. Tispjega li Ascension Healthcare plc mhijiex f'posizzjoni li tħallas id-djun tagħha u lanqas li tħallas is-self lil Fonds Rusnano Capital S.A. u għalhekk il-kumpaniji Maltin li qed jagħmlu garanzija għall-istess dejn lanqas ma huma f'posizzjoni li jħallsu d-djun tagħhom u ma hemm ebda prospett li s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom tinbidel u għalhekk ma tistax issir dikjarazzjoni ta' solvenza ai termini tas-sub-artikolu 268(1) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tgħid li fuq rakomandazzjoni tal-bord tad-Diretturi tas-soċjeta' rikorrenti fil-laqgħa datata 24 t'Ottubru 2024, ġiet msejjħa laqgħa straodinarja tal-

azzjonisti tas-soċjeta' rikorrenti fil-21 ta' Novembru 2024, fejn ġie riżolt li l-kumpanija xxolji u li konsegwentament tiġi stralċjata mill-Qorti ai termini tal-Artikolu 214(1)(a) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **fatti**:

Illi **s-soċjeta' rikorrenti** ppreżentat is-segwenti dokumenti, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom:

- **Dok STH1** - Kopja tar-Riżoluzzjoni Straordinarja tal-Membri tas-soċjeta' rikorrenti datata 21 ta' Novembru 2024. Il-Qorti tosserva partikolarment is-segwenti:

  *"IT IS HEREBY RESOLVED:*

  1. ***THAT** having considered the matters discussed during this Meeting and the recommendation of the Board of Directors in extensive detail, the Company be dissolved and consequently be wound up by the Court in terms of Article 214(1)(a) of the Companies Act, Chapter 386 of the Laws of Malta.*

  2. ***THAT** any one (1) director and/or the Company Secretary of the Company be fully authorised to take any and all necessary action, required of them under the Act, to give effect to any of these resolutions, including, inter alia, sign and deliver the statutory Notice of Dissolution (Form B1) with the Registry of Companies at the Malta Business Registry for registration, within the statutory time limit prescribed in Article 265(1) of the Act.*

- **Dok STH2** - Kopja tal-Memorandum u Artikoli tal-Assoċjazzjoni tas-soċjeta' rikorrenti Sequessome Technology Holdings Ltd.

- **Dok STH3** - Kopja taċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni tal-kumpanija rikorrenti.

- **Dok STH4** – Kopja tal-lista ta' partijiet involuti fl-istess soċjeta' rikorrenti.

- **Dok STH5** – L-istruttura tal-Ascension Health Group.
- **Dok STH6** – Rapport tal-Amministratur ta' Ascension Healthcare plc
- **Dok STH7** – Kopja tan-Notifika kif ippreżentata mill-Amministraturi
- **Dok STH8** - Kopja tal-Avviż ai termini tal-Artikolu 265(1) mibgħut lir-Reġistratur tal-Kumpaniji fil-25 ta' Novembru 2024.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Id-dispożizzjoni tal-KAP 386 li abbazi tagħha hija msejsa din il-proċedura huwa l-**Artiklu 214(1)(a)**, li jipprovdi hekk:

> *Kumpanija xxolji u konsegwentement tiġi stralċjata fil-każijiet li ġejjin –*
>
> *(a) il-kumpanija tirriżolvi b'riżoluzzjoni straordinarja li l-kumpanija għandha xxolji u tkun stralċjata mill-qorti*

L-**Art. 218(1) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħid espressament hekk:

> *Talba lill-qorti (aktar 'il quddiem imsejħa "rikors għal stralċ") għal*
>
> *(a) stralċ ta' kumpanija mill-qorti skont l-artikolu 214(1)(a);*
>
> *(b) xoljiment u stralċ ta' kumpanija mill-qorti skont l-artikolu 214(2)(a); jew*
>
> *(ċ) xoljiment u stralċ ta' kumpanija skont l-artikolu 214(2)(b),*
>
> *għandha ssir b'rikors li jista' jsir jew mill-kumpanija wara deċiżjoni tallaqgħa ġenerali jew mill-bord tad-diretturi tagħha jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni, kreditur jew kredituri, jew minn xi kontributorju jew kontributorji:*
>
> *Iżda rikors skont il-paragrafi (b) jew (ċ) jista' wkoll isir minn xi azzjonist jew direttur tal-kumpanija.*

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi r-riżoluzzjoni straordinarja meħuda fil-21 ta' Novembru 2024, flimkien mar-rikors promotur jispjegaw b'mod ċar u inekwivoku d-deċiżjoni li l-kumpanija *de quo* tiġi xolta u stralċjata.

Wara li fliet id-dokumenti esebiti u r-rekwiżiti legali kollha, din il-Qorti hija tal-fehma illi r-riżoluzzjoni straordinarja saret u saret għal raġunijiet leġittimi fiċ-ċirkostanzi partikolari li tinsab fihom il-kumpanija.

Oltre` minn hekk, ladarba r-riżoluzzjoni hija valida, u din il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni għaliex tiddubita minn dan, din il-Qorti m'għandha l-ebda diskrezzjoni li tirrifjuta li takkorda t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti għall-provvediment ta' stralċ.

**GHALDAQSTANT**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq iċċitati, tqis illi ġew sodisfatti il-voti tal-liġi sabiex tkun tista` tgħaddi biex takkolja t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti u tenut kont tal-assjem ta` fatti u cirkostanzi li jirrizultalha, din il-Qorti qegħda:

1. **Tordna** illi s-soċjeta` **Sequessome Technology Holdings Limited (C 48458)** tiġi xjolta u konsegwentament stralċjata a bażi tal-Artikoli 214(1)(a) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta u dana b'effett mill-21 ta' Novembru 2024 ai termini tal-Artikolu 223(1) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. **Konsegwentament, tinnomina u taħtar stralċjarju** tas-soċjeta' **Sequessome Technology Holdings Limited (C 48458)** lir-**Riċevitur Uffiċjali** u tagħti lill-istralċjarju s-setgħat u d-dmirijiet kollha li huma previsti fil-Kap 386 tal-Liġijiet ta` Malta, fosthom illi:

   a) Wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qagħda tal-kumpanija de quo, ai termini tal-Artiklu 226 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, jagħmel rapport lill-Qorti ai termini tal-Artiklu 227 tal-istess KAP 386,

   b) Jagħmel il-verifiki kollha neċessarji u opportuni dwar l-assi u d-djun tal-kumpanija de quo u jekk ikun il-każ, jirraporta dwar il-gradwazzjoni tad-djun.

   c) Jieħu taħt il-kustodja u l-kontroll tiegħu kwalsiasi assi illi talvolta l-kumpanija **Sequessome Technology Holdings Limited (C 48458)**

jista' għandha, u dan ai termini tal-Artiklu 237 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

d) Jagħmel u jiddefendi kwalsiasi azzjoni jew proċeduri legali fl-isem u l-interess tal-kumpanija de quo.

e) Jirrelata dwar il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien ta' kwalsiasi assi li l-kumpanija jista' għandha.

**3. Tordna** lill-istralċjarju sabiex jippreżenta rapport tal-ħidma tiegħu sa qabel l-udjenza li jmiss.

**4. Tordna** li l-ispejjeż u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-proċediment, inklużi l-ispejjeż kollha tal-istralċ kompriżi l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju, għandhom jitħallsu mis-soċjeta' rikorrenti.

**Finalment, il-Qorti qed tordna illi mingħajr dewmien ir-Reġistratur tal-Qrati jgħaddi kopja legali ta' din id-deċiżjoni lir-Riċevitur Uffiċjali u lir-Reġistratur tal-Kumpaniji.**

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**